**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Marzu, 2024

Rikors Ġuramentat: 269/23/2AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat 20 ta' Diċembru 2023 li permezz tiegħu r-rikorrenti ppremetta kif ġej:

*Illi l-partijiet zzewgu fid-9 ta' Settembru 2007 u minn dan iz-zwieg twieldet D B fl-1 ta' Mejju 2011; kwindi ghadha minorenni.*

*Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbiliment minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimata li jaghtu lok ghal separazzjoni personali, fosthom adulterju.*

*Illi wara proceduri ta' medjazzjoni l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza ta' separazzjoni personali bin-numru u fl-ismijiet premessi.*

*Illi l-unika proprjeta' immobbli illi l-kontendenti ghandhom bejniethom tikkonsisti fid-dar matrimonjali, u cioe, X, X, Triq il-X, Balzan, illi tikkostitwixxi proprjeta' kongunta.*

*Illi r-rikorrent jixtieq u ghaldaqstant qieghed jitlob illi tigi terminata l-komunjoni tal- akkwisti esistenti bejniethom ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi tali talba bl-ebda mod sejra jew tista' tippregudika l-interessi tal-partijiet illi jistghu jipprogettaw u jimxu 'l quddiem b'hajjithom b'mod indipendenti, b'riserva gha-drittijiet taghhom naxxenti mill-ligi talvolta jirrizulta waqt il-kors tas-smiegh tal-kawza ta' separazzjoni personali, illi ghandhom xi jedd fil-konfront ta' xulxin.*[1]

*Illi kwindi, ma ghadx hemm skop illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet jibqa' jigi regolat permezz tal-komunjoni tal-akkwisti, gialadarba hemm proceduri ta' separazzjoni personali pendenti.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi l-esponent umilment jitlob illi prevja kull provvediment necessarju, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

---

[1] *Greet Jozef van Meel vs Fredrick Andre Georges Vandendriessche, (Rik Nru: 196/2020AGV) deciza 5 ta' April 2022;*
*"Under Maltese law, it has been established that not all forms of prejudice are sufficient for a successful objection. The prejudice claimed by the objector has to be 'disproportionate'.*

*Indeed, applicant need not give a reasonn for the request to be made. The law allows for the termination of the community of acquests to be requested and granted at any time during the case, rather than having to wait until the case is heard, tried and finally decided... .*

*In other words, the consistency of the existing community of acquests remains unchanged with the upholding of such an order. What changes is simply the right for both parties to acquire and dispose of property in their own personal name, without such property going on to form part of the already existing community of acquests.*

*It is for this reason, therefore, that the law allows respondent to object to such termination, and it is then up to respondent to explain and justify the reason behind such objection, which has to be grounded within the meaning of 'disproportionate prejudice', stated int he law and explained in case law.*

*1) Tordna, permezz ta' sentenza separata, il-waqfien tal-Kommunjoni ta' l- Akkwisti bejn il-partijiet skond l-Artikolu 55(1) et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2) Tordna illi din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-intimata debitament notifikata intavolat risposta fis-16 ta' Jannar 2024 fejn ma oġġezzjonatx għat-talba tar-rikorrenti u ppremettiet li din għandha tintlaqa;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-azzjoni odjerna**

Permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tittermina l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors. L-intimata ma opponietx għal din it-talba u taqbel illi tiġi milqugħa t-talba tar-rikorerrenti sabiex *entro* l-proċess ta' separazzjoni personali, f'dan l-istadju, tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

2. **Prinċipji legali:**

Il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula kif ġej:

*(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separatali teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.*

Dan l-artikolu għalhekk jagħti l-fakulta` lil xi parti jew oħra titlob, f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' separazzjoni personali bejn l-istess partijiet, it-terminazzjoni tar-reġim matrimonajali tal-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**[2], illi: "*In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**[3], issostni illi: "*dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Tgħid l-ewwel Qorti fis-sentenza fl-istess ismijiet "*Illi għaldaqstant, bħala regola, il-Qorti rinfaċċjata b'talba bħal*

---

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014.

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appel fit-24 ta' Ottubru 2019.

*din, għandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-każi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra. Dan il-preġudizzju mhux proporzjonat, oltre li għandu jkun ippruvat minn min jallegah, irid ikun abbastanza gravi biex il-Qorti tiżvija mir-regola ġenerali u tabbraċċja l-eċċezzjoni".*

L-għan tal-leġiżlatur huwa mfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**[4] fejn jingħad illi "*Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli."*

## 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-każ odjern

Il-Qorti għandha quddiemha talba biex tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, u dan fil-bidu tal-proċeduri ta' separazzjoni bejniethom. Il-Qorti tqis illi din it-talba tista' ssir f'kull stadju tas-separazzjoni personali u għalhekk anke jekk il-proċeduri, bħal fil-każ odjern, għadhom fl-istadju inizjali tagħhom, dan ma jwaqqafx lil xi waħda mill-partijiet milli tagħmel din it-talba. Kif ingħad fis-Sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**[5]

*"Dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa biss li l-komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-seħħ. Ikun x'ikun l-eżitu tar-rikors odjern, il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti isiru mas-sentenza finali. Il-Qorti, bis-saħħa tal-preżenti, bl-ebda mod mhi ser taqsam u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Il-Qorti ser tkun qiegħda tikkonsidra biss ix-xoljiment tagħha. Il-qasma u l*

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019.
[5] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-23 ta' Ottubru 2018 (Rik Nru 2/15 AL).

*assenjazzjoni tagħha jibqgħu materji riżervati għas-sentenza definittiva."*

Dan ifisser illi jekk ir-rikors odjern jiġi akkolt dan ma jaffetwax id-dritt tal-partijiet, illi f'dan l-istadju għadhom ma ġabux il-provi tagħhom, illi jġibu l-provi dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom sal-mument tat-terminazzjoni tagħha.  Għalhekk jekk il-komunjoni tal-akkwisti tiġi mwaqqfa, il-ġbir tal-provi dwar l-aspett patrimonjali tal-kawża ma jiġix affettwat *stante* illi mas-sentenza finali l-Qorti tkun teħtieġ illi tillikwida l-istess komunjoni u tassenjaha skont il-Liġi bejn il-partijiet.

Il-Qorti ma hiex obligata tara r-raġuni wara t-tali talba iżda illi b'dan il-pronunzjament l-ebda parti ma hi ser isofri preġudizzju sproporzjonat fil-mori tal-kawża.[6]  F'dan il-każ il-Qorti rat l-atti tal-kawża u ma tarax illi xi parti tista ssofri preġudizzju mit-terminazzjoni, anzi kif ingħad  fis-sentenza fl-isimijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**[7] t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kienet ser igib magħha benefiċċju lill-parti li kienet qed topponi inkwantu kien ser jiġi evitat li xi parti jew oħra tagħmel dejn li 'l quddiem ikun jista' jiġi imputat lill-komunjoni.  Sadanittant kull parti tista' ġġib l-evidenza tagħha dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti għaliex "*il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"* (*vide* sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell *sive* Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**[8] ).

F'dan il-każ ukoll il-Qorti rat illi l-intimata taqbel illi t-talba għandha tiġi milqugħa.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tara illi t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa.

---

[6] Vide Sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell *sive* Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015.

[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014.

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appel fit-30 ta' Ottubru 2015.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti hija tal-fehma illi t-talbiet rikorrenti huma ġustifikati u f'dan il-każ ma jeżistux l-elementi eċċezzjonali meħtieġa *ai termini* tar-raba' sub-inċiż tal-Artikolu 55, sabiex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx. Illi għalhekk il-Qorti mhi qed tara l-ebda ħtieġa li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tibqa' *in vigore* mil-lum 'il quddiem.

Il-Qorti għalhekk qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti hekk kif dedotta fir-rikors datat 20 ta' Diċembru 2023, u konsegwentement, *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B, u dana b'effett mill-jum illi din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Dan filwaqt li jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti, mertu tal-kawża ta' separazzjoni personali bejniethom.

Il-Qorti tordna illi, *ai termini* ta' l-Artikolu 55(5) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti jinnotifika, a spejjez tiegħu, lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza preliminari fi żmien ġimgħa minn meta s-sentenza tiġi dikjarata *res judicata.*

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.